



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 158/24

Il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-4/23 | [Mirin] ¹

Ir-rifjut ta' Stat Membru li jirrikonoxxi l-bidliet fl-isem u fl-identità tal-ġeneru li jkunu nkisbu legalment fi Stat Membru ieħor imur kontra d-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni

Ċittadin Rumen ġie rreġistrat fit-twelid tiegħu fir-Rumanija bħala li kien ta' sess femminili.

Wara li, fl-2008, mar jgħix ir-Renju Unit, huwa kiseb iċ-ċittadinanza Brittanika, filwaqt li żamm iċ-ċittadinanza Rumena. Huwa f'dan il-pajjiż fejn kien jirrisjedi li, fl-2017, huwa bidel ismu u l-istat ċivili tiegħu, minn dak ta' mara għal dak ta' raġel u, fl-2020, kiseb rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru maskili tiegħu.

F'Mejju 2021, abbażi ta' żewġ dokumenti miksuba fir-Renju Unit li jixhdu dawn il-bidliet, dan iċ-ċittadin talab lill-awtoritajiet amministrattivi Rumeni jniżżlu fl-att tat-twelid tiegħu l-bidliet f'ismu, fis-sess u fin-numru tal-identità personali, sabiex dan l-att ikun jaqbel mas-sess maskili. Barra minn hekk, huwa talab li jinħareġ ċertifikat ġdid tat-twelid b'dawn id-dettalji ġodda.

Madankollu, l-awtoritajiet Rumeni ma laqgħux dawn it-talbiet, filwaqt li stiednuh jiftaħ proċeduri ġodda għal bidla fl-identità tal-ġeneru quddiem il-qorti Rumeni. Filwaqt li bbaża ruħu fuq id-dritt tiegħu li jiċċaqilaq u li jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Unjoni, iċ-ċittadin ikkonċernat talab lil qorti ta' Bukarest tordna li l-att tat-twelid tiegħu jiġi jaqbel ma' ismu ġdid u mal-identità tal-ġeneru tiegħu, li kienu ġew irrikonoxxuti b'mod definittiv fir-Renju Unit.

Dik il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha ttieħdet id-deċiżjoni ta' rifjut tal-awtoritajiet Rumeni kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni u jekk Brexit ² jaffettwax it-tilwima.

Il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb li **leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirrifjuta li tirrikonoxxi u li tniżżel fl-att tat-twelid ta' ċittadin il-bidliet fl-isem u fl-identità tal-ġeneru li jkunu nkisbu legalment fi Stat Membru ieħor, f'dan il-każ, ir-Renju Unit, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Dan jgħodd anki jekk it-talba għar-rikonoxximent ta' dawn il-bidliet tkun tressqet wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.**

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja tinnotta li l-bidliet fl-isem u fl-identità tal-ġeneru li wasslu għat-tilwima nkisbu, rispettivament, qabel il-Brexit u waqt il-perijodu ta' tranżizzjoni li segwih. Dawn il-bidliet għandhom, għalhekk, jitqiesu bħala li nkisbu fi Stat Membru tal-Unjoni. Il-fatt li r-Renju Unit ma għadux Stat Membru tal-Unjoni ma jaffettwax l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega, imbagħad, li **r-rifjut ta' Stat Membru li jirrikonoxxi bidla fl-identità tal-ġeneru li tkun inkisbet legalment fi Stat Membru ieħor ixekkel l-eżerċizzju tad-dritt li wieħed jiċċaqilaq u jirrisjedi liberament.** Il-ġeneru, bħall-isem, huwa element fundamentali tal-identità personali. Id-diverġenzi bejn l-identitajiet li jirriżultaw minn tali rifjut ta' rikonoxximent ta' din il-bidla toħloq problemi sabiex tiġi pprovata l-identità fil-ħajja ta' kuljum, kif ukoll inkonvenjenzi serji fi ħwejjeġ professjonali, amministrattivi u privati.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja taqta' u tiddeċiedi li dan ir-rifjut ta' rikonoxximent ta' tali bidla u **l-fatt li l-persuna kkonċernata tiġi mgħiegħla tiftaħ proċeduri ġodda għal bidla fl-identità tal-ġeneru fl-Istat Membru ta' oriġini,**

jesponiha għar-**riskju** li dawn il-proċeduri jwasslu għal **riżultat differenti** minn dak adottat mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkunu rrikonoxxew dawn il-bidliet fl-isem u fl-identità tal-ġeneru, **ma humiex iġġustifikati**. F'dan il-kuntest, hija tfakkar ukoll li mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li l-Istati huma obbligati jipprevedu proċeduri ċari u prevedibbli għar-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru li jippermettu l-bidla fis-sess.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² Il-proċeduri għal bidla fl-identità tal-ġeneru effettivament infetħu fir-Renju Unit qabel il-ħruġ ta' dan l-Istat Membru mill-Unjoni iżda ngħalqu wara dan il-ħruġ, jiġifieri matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.